# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 27 ta' Settembru 2019**

**Numru 12**

**Rikors numru 763/10 JZM**

**Evelyn Farrugia**

**v.**

**Doris Catania; Godwin Farrugia, u b'digriet tal-14 ta' April, 2011 il-Qorti ordnat il-korrezzjoni fis-sens li minflok l-isem Godwin Farrugia jitnizzel l-isem Gordon Farrugia; Toninu Caruana bhala president u Charles Schembri bhala segretarju tas-Socjeta` Filarmonika msejha "La Stella", tal-Gudja AD 1919; Nazzareno sive Zaren Dalli, u b'digriet tal-14 ta' April, 2011 il-Qorti ordnat il-korrezzjoni fis-sens li minflok l-isem Nazzareno sive Zaren Dalli jitnizzel l-isem ta' Rosario Dalli**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' Evelyn Farrugia pprezentat fit-28 ta` Lulju, 2010, li jaqra hekk:

“1. Illi Gabriel Farrugia (ID 903647M) miet fl-1 ta` April 2010 fl-Isptar Mater Dei, Msida.

“2. Illi l-attrici tigi oht l-imsemmi Gabriel Farrugia.

“3. Illi minn ricerki li ghamlet l-attrici saret taf illi d-decuius halla testment wiehed datat 23 ta` Marzu 2010 fl-atti tan-Nutar Dr. Hugh Grima. Kopja tal-istess testment qieghed jigi esebit bhala Dok. A.

“4. Illi fl-istess testment id-decuius halla €4,000 lin-neputi tieghu Godwin Farrugia b`titolu ta` legat, €30,000 lin-neputija tieghu Doris mart Charles Catania, il-qbiela ta` ghalqa ta` l-Imsaqqfa fil-Gudja lis-sekondu kugin tieghu Nazzareno sive Zaren Dalli u halla bhala eredi universali lis-socjeta` "La Stella", tal-Gudja AD 1919.

“5. Illi l-imsemmi testment sar biss disat ijiem qabel ma miet Gabriel Farrugia.

“6. Illi l-attrici taf illi l-imsemmi Gabriel Farrugia, fil-granet qabel miet ma kienx kapaci jikteb minhabba l-kundizzjoni medika tieghu li ma hallitux icaqlaq il-pala ta` idejh u subghajh.

“7. Illi skont l-artikolu 28(1)(k)(v) tal-Kap. 55 tal-Ligijiet ta` Malta li jispecifika x`ghandu jkun fih kull att notarili nsibu s-segwenti :

"jekk xi wahda mill-partijiet jew wiehed mill-fidem facientes ma jkunux jafu jew ma jkunux jistghu jiffirmaw, huma ghandhom jiddikjaraw x`inhu li jkun izommhom milli jiffirmaw, u n-nutar ghandu jsemmi din id-dikjarazzjoni qabel ma l-att jigi ffirmat."

“8. Illi l-imsemmi testment ma fih l-ebda dikjarazzjoni ta` dan it-tip u ghalhekk huwa null u bla effett ai finijiet u effetti tal-ligi.

“Ghaldaqstant l-esponent jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha :

> “i) Tiddikjara illi d-decuius Gabriel Farrugia ma kienx kapaci jikteb meta ghamel it-testment tieghu tat-23 ta` Marzu 2010 fl-atti tan-Nutar Dr. Hugh Grima ;
>
> “ii) Konsegwentement tiddikjara illi ma gewx segwiti l-formalitajiet rikjesti mil-ligi ghal testmenti fejn it-testatur ma jkunx kapaci jikteb fosthom dak imsemmi fl-artikolu 28(1)(k)(v) tal-Kap. 55 tal-Ligijiet ta` Malta.
>
> “iii) Konsegwentement tiddikjara null u bla effett it-testment ta` Gabriel Farrugia tat-23 ta` Marzu 2010 fl-atti tan-Nutar Dr. Hugh Grima.

“Bl-ispejjez u l-konvenuti ngunti in subizzjoni.”

Rat ir-risposta guramentata ta' Toninu Caruana u Charles Schembri bhala President u Segretarju rispettivament tas-Socjeta` Filarmonika msejha "La Stella" tal-Gudja, tal-31 ta' Awwissu, 2010, li permezz taghha eccepew:

> "1. Illi l-istanza odjerna hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante illi kif jidher minn kopja tat-testment originali hawn esebit it-testatur kien altru minn kapaci jiffirma kif jirrizulta b`mod lampanti b`firma preciza f`kull pagna tat-testment."

Rat ir-risposta guramentata ta' Doris Catania tat-2 ta' Novembru, 2010, fejn fl-istess eccezzjonijiet inghad:

> "Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha stante illi d-decuius Gabriel Farrugia kien kapaci jaghmel it-testment tant illi gie anke ddikjarat bhala hekk kapaci mill-professur Godfrey Laferla li ccertifika lid-decuius f`dan is-sens sahansitra fl-istess data li fih gie ppubblikat it-testment in kwistjoni.
>
> "Illi persuna li ma tafx tikteb jew ma tistax tikteb xorta wahda tista` taghmel testment u dak li hu rikjest mil-ligi f`kazijiet simili hu li l-persuna li tkun qed taghmel it-testment turi l-volonta` taghha ta` dak li trid taghmel bi hwejjigha wara mewtha quddiem in-nutar u fil-prezenza ta` zewg xhieda, kollox kif fil-fatt gara fit-testment odjern.
>
> "Illi inoltre, it-testment in kwistjoni gie fil-fatt iffirmat quddiem in-nutar u fil-prezenza taz-zewg xhieda ndikati fl-istess testment u ghalhekk l-allegazzjoni kontenuta fir-rikors promotur mhi xejn hlief gidba.
>
> "Illi t-testment sar kif suppost, kollox skont il-ligi u t-talbiet attrici huma xejn hlief tentattiv fjakk biex l-attrici tipprova taghmel pressjoni llecita fuq l-eccipjenti ghaliex ma messa xejn mill-beni ta` huha guvni li bilkemm kienet taf li jezisti ahseb u ara kemm ghandha dritt tiret gidu jew parti minn gidu u anke ghal din ir-raguni t-talbiet tal-attrici huma fiergha, vessatorji u kompletament inveritieri.
>
> "Salv kull eccezzjoni ulterjuri."

Rat id-digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-25 ta` Lulju, 2013, fejn cahdet it-talba tal-attrici ghall-hatra ta` espert tal-kaligrafija sabiex jivverifika jekk il-firma li tidher fit-testment tat-23 ta` Marzu, 2010, fl-atti tan-Nutar Dottor Hugh Grima kenitx fil-fatt tad-*decuius* Grabel sive Gabriel Farrugia.

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tad-29 ta' April, 2014, li permezz taghha l-kawza giet deciza fis-sens li, filwaqt li laqghet l-eccezzjonijiet kollha, cahdet it-talbiet attrici kollha. Bl-ispejjez kollha tbatihom l-attrici wahedha.

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> **"II. <u>Provi</u>**
>
> "**<u>Rev Daniel Farrugia</u>** xehed illi huwa jigi hu l-attrici, u huwa parentat mal-konvenuti Doris Catania u Godfrey Farrugia. Il-mejjet Gabriel Farrugia kien huh. Ghal habta tal-1 ta` April 2010, huwa mar flimkien ma` l-attrici jara lil Gabriel. Dan qallu li kien ilu ma jiekol u ghalhekk kien gieh suspett dak iz-zmien li ma kienx se jdum jghix. Meta mbaghad saqsih jekk kienx halla lil xi hadd sabiex jiehu hsieb l-affarijiet tieghu rrispondih : *"le, ma hemm hadd."* Dan id-diskors sar filghodu tal-jum tal-mewt tieghu. Gabriel qallu wkoll illi kellu kamra li kien ssellef minghand habib tieghu jismu Frans Dalli. Talli sellfu l-kamra ma riedx flus izda riedu jixtrilu karozza. Mistoqsi jekk dakinhar li kellmu, Gabriel setax jikteb ismu, ix-xhud wiegeb li dakinhar zgur li ma kienx kapaci, ghaliex meta rah, idejh kienu mitluqin fis-sens li ma kienx kapaci jcaqlaqhom. Mohhu kien ikun car hafna. Skond ix-xhud, Gabriel ma setax icaqlaq idejh u saqajh ; seta` biss icaqlaq rasu u ghajnejh. Seta` jitkellem perfettament. F`dak il-perijodu, Gabriel kien l-Isptar Mater Dei.
>
> "Rev Farrugia kompla jixhed illi l-mejjet kellu ghalqa maghrufa bhala "*Ta` l-Imsaqqfa*". Fit-testment tieghu, huwa halla l-ghalqa lill-konvenut Rosario Dalli li ma kellu x`jaqsam xejn maghhom. Il-konvenuta Doris

Catania kienet l-Awstralja u meta giet lura Malta kienet ikkaparrat lil Gabriel. Dan kien qallu li ma kienx jafda lil Doris Catania. Gabriel kien jinqeda biha biss fejn kien ikollu bzonn. Meta mar jara lil Gabriel dakinhar tal-1 ta` April, Gabriel ma kienx semma jekk kienx biddel it-testment jew kienx ghamel prokura. Saru jafu bit-testment u bil-prokura wara l-mewt ta` Gabriel. Il-konvenuta Doris Catania kienet qaltilhom : "*issa la miet niehu hsieb kollox jien*." Il-kotba tal-bank, il-passaport u l-karta tal-identita` ta` Gabriel kienu kollha f'idejn il-konvenut Gordon Farrugia li jigi n-neputi tieghu. Sakemm waslet l-ambulanza biex tiehu lil Gabriel l-isptar, Doris Catania hadet id-dokumenti hi u zammithom ghandha.

"Fil-**kontroezami**, Rev Farrugia xehed illi madwar ghoxrin (20) sena qabel xehed huwa kien Direttur Spiritwali tal-Kazin "La Stella" tal-Gudja. Huwa mar jara lil Gabriel l-isptar lejn l-ahhar ta` hajtu. L-isptar dam hames gimghat u cioe` bejn is-27 ta' Frar u l-1 ta' April. Meta kien l-Isptar, kien imur jarah, meta kien jisma` li ma kienx ikun tajjeb. Mistoqsi allura kemm–il darba mar jarah, huwa qal li mar darba biss, propju fil-gurnata tal-mewt tieghu, wara li Gordon Farrugia qalilhom li Gabriel kien hazin. Qabel mar l-isptar, kien jiltaqa` ma` Gabriel. L-ahhar darba li rah kien Rahal il-Gdid fil-bidu ta` Novembru 2009. Mistoqsi jekk fil-gurnata tal-mewt kienx mar jarah wahdu, ix-xhud wiegeb li kien mar ma` hutu n-nisa.

"Mistoqsi dwar ir-relazzjoni li kellu ma` Gabriel, Rev Farrugia xehed li r-relazzjoni la kienet tajba izda lanqas kienet hazina. Fl-ahhar sena qabel miet, kienu resqu lejn xulxin. Mistoqsi allura jekk tassew fl-ahhar sena kellhom relazzjoni daqshekk tajba, ghaliex ma kienx mar izur lil huh l-isptar, ix-xhud wiegeb li huma kellhom mohhhom mistrieh li kien qed jiehu hsiebu Gordon Farrugia. Mistoqsi jekk kienx mieghu meta miet, ix-xhud wiegeb fin-negattiv ghaliex hu mar jarah filghodu u dam hemm xi siegha u ghaxar minuti. Mistoqsi jekk meta miet kienx hemm Doris Catania, ix-xhud wiegeb : "*disgrazzjatament*" iva. Qal li wiegeb hekk ghaliex malli miet, Doris Catania qalet li l-arlogg li kellu Gabriel kien taghha.

"Huwa ma kienx prezenti meta Gabriel ghamel it-testment. Sar jaf bit-testment wara l-mewt. Mistoqsi kif kien jaf li Gabriel ma kienx f'sahhtu meta ghamel it-testment, ix-xhud wiegeb li kien hemm certifikat tat-tabib. Huwa rrefera ghac-certifikat Dok EM1 tat-Tabib Busuttil. Mistoqsi jikkonfermax illi l-firma fuq it-testment kienet ta` Gabriel, ix-xhud wiegeb li huwa ma setax jaccetta li dik hija l-firma ta` Gabriel, ghalkemm sostna li bhala firma *tixbah* dik ta` Gabriel.

"Mistoqsi kif kienu idejn it-testatur fil-jum tal-mewt tieghu, Rev Farrugia wiegeb li ma setax jaghlaqhom u ghalhekk zgur ma setax jaqbad il-pinna biex jiffirma t-testment. Mistoqsi kemm kien ilu b`idejh hekk, ix-xhud wiegeb li huwa rah fl-ahhar gurnata ; skond ix-xhud, dik il-kondizzjoni fl-idejn ma gratx f`temp ta` erbgha u ghoxrin siegha. Irrizulta li t-testment sar ghaxart ijiem qabel il-mewt. Inoltre jumejn qabel miet,

saret il-prokura. Mistoqsi jekk kienx ra l-prokura, ix-xhud wiegeb li meta marru ghand il-Kappillan sabiex jaghmlu l-funeral, il-Kappillan infurmahom li hadd iehor kien se jaghmillu l-funeral u li kellu dokument biex juri dan. Il-Kappillan imbaghad tahom kopja ta' d-dokument, li kienet il-prokura. Mistoqsi imbaghad jekk jafx lil Rosario u Frans Dalli, ix-xhud wiegeb li huwa personalment ma kienx jafhom, izda t-testatur kien dejjem jitkellem dwarhom. Mistoqsi mbaghad jekk jafx li dawk kienu kugini tieghu, x-xhud wiegeb li ma jafx.

"Mistoqsi x`ried jghid biha meta stqarr li Doris Catania kienet qed tipprova tikkappara lil Gabriel, ix-xhud wiegeb illi kienet qed tipprova tehodlu kull sold li kellu. Meta kienu qed jibnu d-dar, Gabriel kien jibghatilhom il-flus mill-Awstralja. Ix-xhud cahad illi wara li kien operat, Gabriel mar joqghod ghand Doris Catania, ghalkemm jidher li ma kienx jaf illi Gabriel kien ghamel operazzjoni. Stqarr li Gabriel mar joqghod fid-Dwejra fejn la kien hemm dawl u lanqas ilma.

"**<u>Il-konvenut Gordon Farrugia</u>** xehed illi huwa jigi n-neputi ta` Gabriel Farrugia. Ighid illi huwa kien jara liz-ziju Gabriel kwazi ta` kuljum l-ghalqa li tinsab il-Gudja. Kien ikun hdejh u jaqdieh milli jkollu bzonn. Meta Gabriel kien l-isptar kien imur jarah ta' sikwit. Kien jixtrilu l-ikel u johodlu l-ilma x`jixrob billi Gabriel kien jghix go ghalqa u ma kellux servizzi. Mistoqsi dwar is-sitwazzjoni finanzjarja ta' Gabriel, stqarr illi kellu xi flus l-Awstralja. Qaleb xi flus ghall- Ewro. Gabriel ma kienx ighidlu x`kien se jaghmel bil-flus, ghalkemm qallu illi ried ipatti lilu u lil certu Frans Dalli ta` dak kollu li kienu qeghdin jaghmlu mieghu. Mistoqsi x`kien jaf dwar it-testment, huwa wiegeb illi fil-verita` Gabriel qatt ma ried jaghmel testment, ghaliex Gabriel kien ighidlu : *"nixtieq naghmel testment, imma mhux ghal issa, mhux ghal issa."* Frans Dalli kien bnielu xi kmamar fl-ghalqa, u kien jehodlu xi patata.

"Mistoqsi jekk meta Gabriel kien l-Isptar kienx qallu dwar xi testment, Gordon Farrugia jghid illi ma kienx semmielu testmenti u lanqas ma qallu xejn dwar prokuri. Meta miet fl-1 ta' April 2010, huwa kien hdejh u kien ilu xi siegha u nofs mieghu qabel miet. Ikkonferma dak li xehed Rev Daniel Farrugia dwar li d-dokumenti dwar l-ghalqa, il-karta tal-identita`, il-passaport u l-kotba tal-bank kienu go basket u meta haduh l-Isptar u l-basket zammitu Doris Catania. Mistoqsi kif kienu idejn Gabriel meta kien l-isptar, ix-xhud wiegeb li kienu naqra debboli. Ma setax ighid jekk Gabriel kienx ghamel xi operazzjoni, izda jaf li kellhom jiehduh l-Isptar Boffa ghal raggi u terapija izda baqa` ma marx dak l-isptar ghaliex lahaq miet.

"Fil-**<u>kontroezami</u>**, Gordin Farrugia xehed illi Gabriel kien midhla tal-kazin tal-banda "La Stella". Meta kien ghadu f`sahhtu kien imur hemm ta` sikwit. Dam l-isptar qabel miet madwar xahar u gimgha. Ma jafx x`kien fih ezatt il-basket ta` Gabriel li kien ghand Doris Catania. Wara li miet Gabriel huwa baqa` jmur l-ghalqa billi kellu kelba u kien jidhol biex jaghlifha ; hekk kien qallu Gabriel biex jaghmel. Ikkonferma li Gabriel kien joqghod l-ghalqa mhux fil-fond 82, Main Street, Gudja. Din tal-

ahhar kienet il-kamra ta' Frans Dalli fejn kien jircievi l-posta. Ghalkemm l-isptar ma kienx imur jarah ta` kuljum kien pero` jmur ta` spiss. Mistoqsi jekk kienx ha lil Gabriel l-isptar meta mar jaghmel testijiet tad-demm, ix-xhud wiegeb li ma kienx hadu hu. Il-kamra fejn kien joqghod Gabriel kienet hdejn l-ghalqa, u ghalkemm ma kellux dritt ta` passagg kien jghaddi minn fuq l-ghalqa tieghu biex imur ghal gol-kamra. Ix-xhud beda jmur regolarment l-ghalqa meta miet missieru, li miet madwar sena qabel miet Gabriel. Mistoqsi kemm-il darba fil-gimgha kien imur jara lil Gabriel meta kien l-isptar, ighid li kien imur xi tlieta jew erba` darbiet fil-gimgha. Hafna drabi kien jinzerta hemm lil Doris Catania. Ma kienx prezenti meta Gabriel ghamel it-testment. Fil-fatt lanqas biss kien jaf li Gabriel kien fil-fatt ghamel testment. Ippreciza li xi hmistax jew tliet gimghat qabel ma miet, kienu tawh radju. Ma felahx izommu f`idejh tant li waqaghlu. Farrugia qal ukoll li meta kien l-isptar Gabriel kien qallu : *"giebli l-imqass tas-sigar".* Ighid li fakkar lil Gabriel li kien qieghed l-isptar.

"**<u>L-attrici</u>** xehdet illi huha Gabriel kellu ghalqa li kienet imqabbla ghandu mill-Ufficcju Kongunt. Fit-testment Gabriel halla l-ghalqa lil certu Nazzareno Dalli. Fil-fatt din il-persuna ma tezistix. Il-persuna koncernata jisimha Rosario mhux Nazzareno. Rosario Dalli kien midhla tal-kazin tal-banda u Gabriel kien jafu tajjeb. Wara li miet Gabriel, fit-22 ta' Mejju 2010, hija applikat biex tiehu l-ghalqa. Fis-27 ta' Gunju 2011, harget it-tender.

"L-attrici pprezentat :

"l-ittra li biha applikat ghall-ghalqa – Dok. EF 1 ;

"l-acknowledgement tal-Ufficcju Kongunt – Dok. EF 2 ;

"ir-risposta - Dok. EF 3 ;

"dokument amministrattiv mmarkat Dok. EF 4 ;

"kopja tal-manoskritt tat-testment ta` Gabriel – Dok. EF 5 – u b`riferenza ghat-tieni artikolu qalet illi l-persuna hemm indikata hija Gordon Farrugia; u pjanta tal-ghalqa - Dok. EF 6.

"Mistoqsija dwar in-Nutar li ghamel t-testment, l-attrici xehdet illi n-nutar ma kienx jaf lil Gabriel. Fissret illi fis-sajf tal-2009, kienu marru ghand Gabriel xi nies mill-Kazin sabiex jitolbuh permess halli jaharqu n-nar tal-festa mill-ghalqa. Gabriel kien qalilha li ma kienx tahom permess. Tghid li Gabriel stqarr maghha illi : "*la f'hajti u lanqas wara mewti ma huma ma jiehdu xejn".*

"L-attrici tixhed illi l-ahhar li rat lil Gabriel kien dakinhar tal-mewt tieghu fl-1 ta' April 2010. Qabel ghalaq ghajnejh, gismu kien qisu mejjet u kull ma kien icaqlaq rasu. Meta staqsietu jekk kellux lil xi hadd sabiex jiehu hsieb l-affarijiet tieghu, huwa wiegeb li ma kellu lil hadd. Dak il-hin kien

ghadu f`sensieh izda ma kienx kapaci jqum mis-sodda u jdejh qishom ma kienux tieghu. Meta ratu f`dak l-istat, riedet tmur tkellem lill-Professur ghaliex meta ratu xi tlett gimghat qabel ma kienx f'dak l-istat. Ma rnexxilhiex tkellem lill-Professur u meta kellmitu aktar 'il quddiem, il-Professur li kien David Busuttil qalilha li Gabriel kellu l-leukaemia u mard iehor. L-attrici pprezentat l-korrispondenza li kellha mal-Professur (Dok. EF 6 sa Dok. EF 9).

"Tixhed illi dakinhar illi miet kienu tawh jixrob ghaliex ma kienx kapaci jaqbad il-flixkun. Mistoqsija jekk Gabriel kienx qatt kellimha dwar it-testment, l-attrici wiegbet fin-negattiv u qalet li lanqas hi ma saqsietu.

"L-attrici pprezentat il-korrispondenza skambjata mal-Isptar Mater Dei (Dok. EF 11 u EF 12).

"Fil-**kontroezami**, l-attrici xehdet illi Gabriel kien ilu l-isptar mill-ahhar ta` Frar. Hi kienet marret tarah l-ewwel nhar ta' Erbgha ta' Marzu. Maghha kien hemm wiehed min-neputijiet. Meta marret tarah hi, Gabriel kien tajjeb ; wiccu kien imtela` u kien jitkellem ghalkemm ma tantx kien jiccaqlaq. Idejh kien icaqlaqhom. Bejn dik il-vista u l-1 ta` April, ma kenitx marret tara lil Gabriel. Lin-Nutar Hugh Grima hi ma kenitx tafu.

**"In-Nutar Hugh Grima** kkonferma t-testment fl-atti tieghu li sar minn Gabriel Farrugia fit-23 ta` Marzu 2010. Id-decujus ma kienx klijent abitwali tieghu. Fil-fatt dik kienet l-ewwel darba li ghamel xoghol ghalih. It-testment sar l-isptar. Kienet cemplitlu l-konvenuta Doris Catania. Qaltlu li hija kienet tiehu hsieb taz-ziju taghha Gabriel Farrugia u li xtaq jaghmel testment. Staqsa lil Catania kemm kellu zmien. Ried ikun jaf ukoll jekk kienx "*terminally ill*" billi ried ikun sodisfatt li t-testatur kien jaf x`sejjer jaghmel. Staqsieha wkoll biex iggib certifikat ta` tabib. Meta mar, kien hemm ic-certifikat, it-testatur kien san u kien jaf x`qed jaghmel. It-testatur kien fis-sodda fil-ward. Ghall-privatezza, ghalaq il-purtiera u baghat lil kulhadd `il barra, inkluz lil Doris Catania. Staqsa lit-testatur ghad-dettalji tieghu u Farrugia qallu kollox ghaliex kien lucidu. Meta t-testatur qallu x`ried, kien wahdu, anke sakemm inkiteb it-testment. Wara sejjah lix-xhieda.

"Mistoqsi x`gara meta t-testatur gie sabiex jiffirma, Dr Grima xehed illi Farrugia ffirma mill-ewwel ghalkemm il-firma hija zghira hafna. Iffirma sitt darbiet, ghaliex iffirma anke c-certifikat mediku u kull pagna tat-testment. Mistoqsi kif ikkonferma l-identita` tieghu, Dr Grima xehed illi t-testatur kellu l-karta ta` identita` u tah d-dettalji dwar missieru u ommu.

"Fil-**kontroezami**, Dr Grima kkonferma li huwa ma kienx jaf lit-testatur. Meta sar it-testment, ried jaccerta ruhu illi kien lucidu. It-testatur wiegeb ghad-domandi kollha li ghamillu. Ghal Dr Grima, Farrugia kien "lucidissimu". Ha ha nota ta' dak li ried u beda jikteb. Mistoqsi mill-Qorti jekk il-firma tat-testatur saritx quddiemu u quddiem ix-xhieda, Dr Grima

kkonferma illi l-firma saret quddiemu u quddiem ix-xhieda. Insista li l-firma hija carissima.

“**Il-konvenuta Doris Catania** xehdet illi tigi n-neputija ta’ Gabriel Farrugia. Kellha relazzjoni tajba hafna ma` Gabriel. Kien jittrattaha qisha kienet ohtu z-zghira milli n-neputija anke ghaliex bejniethom kien hemm biss seba` snin differenza fl-eta`. Wara li hi u l-familja marru jghixu l-Awstralja, Gabriel mar ukoll l-Awstralja, u ghix maghhom ghal xi zmien sakemm sab post ghalih. Meta regghet lura Malta, kull darba li Gabriel kien jigi Malta ghal btala kienu jqattghu hafna zmien flimkien. Meta mbaghad Gabriel gie lura Malta, kienet idur bih u kull meta jkollu bzonn, kienet tiehdu l-isptar. L-ahhar darba li dahal l-isptar kien fis-27 ta` Frar 2010. Dak iz-zmien, Gabriel kien ghadu f’sahhtu fis-sens li seta` jimxi, jinhasel, jqaxxar il-lehja u jiehu hsieb tieghu nnifsu. Dahal l-isptar billi kellu l-leukaemia. Kemm dam l-isptar, baqa` jaghmel l-affarijiet tieghu wahdu hlief ghall-ahhar jumejn qabel miet. Dan kollu setghet tghidu ghaliex kienet tmur tarah kuljum. Ma kellux bzonn ta` ghajnuna biex jimxi, jiekol jew biex jinhasel.

“Xehdet illi Gabriel kien talabha sabiex tehodlu Nutar biex jaghmel testment u hi hekk ghamlet. Ikkomunikat man-Nutar Hugh Grima, ghaliex hi gieli uzatu bhala Nutar. Dr Grima mar l-isptar qisu ghaxart jiem qabel miet Gabriel. Dakinhar tat-testment, ghalkemm kienet l-isptar, ma kenitx prezenti fil-kamra fejn kien Gabriel waqt li kien qed isir it-testment. Dakinhar tat-testment u anke wara, Gabriel kellu forza f’idejh tant li taha anke prokura. Ikkontestat bhala mhux vera l-allegazzjoni li Gabriel ma kellux l-fakulta` ta` idejh meta ghamel t-testment. Gismu telaq ghal kollox meta wasal propju fl-ahhar ta` hajtu mhux meta ghamel it-testment.

**“Il-konvenut Anthony Caruana** xehed illi huwa kien ilu jaf lil Gabriel Farrugia sa minn meta kienu jattendu l-Iskola Primarja. Meta kien gie lura mill-Awstralja kien beda jmur l-Kazin “La Stella” u ghalhekk bdew jiltaqghu kwazi kuljum. Kien jidher batut fil-finanzi, u ghalhekk meta l-Kazin kien jorganizza xi attivita`, ma kienux izommulu flus, u l-membri kienu anke joffrulu x’jiekol.

“Fil-**kontroezami**, ix-xhud ikkonferma li ghall-Kazin kienet sorpriza li fit-testment tieghu Gabriel Farrugia nnomina lill-Kazin bhala l-eredi tieghu.

**“Clayton Zammit**, illum Segretarju tal-Kazin tal-Banda “La Stella” tal-Gudja, xehed illi huwa sar jaf lil Gabriel Farrugia xi erbatax il-sena qabel meta beda jiffrekwenta l-Kazin. Gabriel kien jitkellem mieghu. Qallu li kien qieghed jghix fil-mizerja u li qatt ma stenna li meta jirritorna mill-Awstralja u jmur jfittex fejn joqghod, ohtu l-attrici u huh Dun Daniel Farrugia kienu se jirrifjutawh u jabbandunawh. Gabriel kien ihobb il-Kazin u li l-membri kienu saru qishom il-familja tieghu. Meta kienet tasal l-festa, Gabriel kein ihallihom jaharqu n-nar mill-ghalqa tieghu. Meta Gabriel kien rikoverat l-isptar kien hemm membri tal-Kazin li kienu jmorru jarawh.

"Fil-**kontroezami**, Zammit xehed illi huwa mar jara fejn kien ighix Gabriel. Kienet kamra b`sodda u barmil ; ma kellux facilitajiet ta' dawl, ilma u drenagg. Stqarr illi l-Kazin kien sorpriz hafna bit-testment. Kemm-il darba Gabriel kien jghidlu kemm kien imwegga` bil-fatt li hutu l-attrici u Dun Daniel Farrugia kienu rrifjutaw illi jmur ighix maghhom.

**"Ikkunsidrat :**

**"III. Sottomissjonijiet**

**"L-attrici** tissottometti li l-azzjoni taghha hija centrata fuq il-fatt li t-testatur ma kienx kapaci jikteb u li ghalhekk t-testment mhuwiex validu peress li ma gewx segwiti l-formalitajiet rikjesti mil-ligi ai termini tal-Art 28(1)(k)(v) tal-Kap 55 tal Ligijiet ta' Malta. Taghmel riferenza ghal xhieda li kkonfermaw l-qaghda fizika hazina tat-testatur, u cioe` hi, Rev. Daniel Farrugia u Gordon Farrugia. Aktar minn hekk tirreferi ghall-file mediku tat-testatur – Dok. DM1 – li juri li fil-gurnata li sar t-testment u cioe` fit-23 ta' Marzu 2010, kien hemm notament li jghid : *"Pt feeling unwell today still in pain."* L-attrici ssenjalat fatti ohra biex tistabilixxi l-qaghda mentali u fizika tad-decujus : a) li n-Nutar Grima ma kienx nutar mqabbad mid-decujus ; b) li ghalkemm Gabriel Farrugia ma kienx isemmi x'ha jaghmel b'gidu, kien jghid li fir-rigward ta' Gordon Farrugia u Frans Dalli kien se jpattilhom ta' kulma ghamlu mieghu ; c) li fir-raba` artikolu fejn hemm indikat kuginuh Nazzareno sive` Zaren, dan ma setax indikah t-testatur ghaliex kien jafu biss bhala Rosario ; d) li ghalkemm kien hemm certifikat anness mat-testment tal-Professur Godfrey Laferla li t-testatur kien *"fit of mind"*, kien hemm ukoll in-notament l-iehor diga` riferit fil-file mediku ; e) li Dun Daniel Farrugia spjega li r-relazzjoni bejn Doris Catania u Gabriel Farrugia ma kenitx tajba ; u f) li Gabriel Farrugia ghamel prokura favur Doris Catania jumejn biss qabel miet meta l-istess Doris Catania xehdet li jumejn qabel miet, Gabriel ma kienx tajjeb. Skond l-attrici t-testatur kien imgieghel jaghmel dan t-testment minhabba pressjoni li saret fuqu minn ta` madwaru, meta kien fizikament u mentalment debboli u li ghalhekk ma setax jirrezistihom. Taghmel ghas-sentenzi ta` din il-Qorti tas-26 ta' Settembru 2013 fil-kawza "**Lorenza Bonnici et vs Maria Dolores Mifsud et**" u tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Generali tal-25 ta` Ottubru 2013 fil-kawza "**Rosalinda Rita Portelli vs Carmen Portelli**". L-attrici tinsisti li hija ma pprezentatx il-kawza tal-lum ghall-interess personali taghha izda sabiex tistabilixxi li dak li imnizzel fit-testment ma setghux ikunu r-riflessjonijiet tad-decujus f'dak il-mument.

**"Il-konvenuti** jissottomettu illi l-Qrati taghna dejjem sostnew li x-xewqa u r-rieda ta' testatur tant hija sagra li anke f'kaz ta' dubju, ir-rieda tat-testatur ghandha tipprevali (ara s-sentenza ta` din il-Qorti tat-8 ta` April 2013 fil-kawza "**Leonard Abela et vs Saverin Sinagra et**" Billi l-attrici allegat nullita` minhabba *"vizzju ta' forma"* kien jispetta lilha illi tipprova illi dakinhar li kien redatt t-testment, Gabriel Farrugia ma kienx

f'posizzjoni li jiffirma, haga li l-attrici ma rnexxilhiex taghmel. Id-dikjarazzjoni ta` l-attrici li huha ma setax jikteb dakinhar tat-testment hija inveritiera kif ikkonfermat l-attrici stess meta xehdet illi hija rat lil huha darbtejn biss minn meta kien rikoverat l-isptar, jigifieri fl-ewwel Erbgha ta` Marzu u l-jum tal-mewt tieghu. Ghalhekk jekk it-testment sar fil-23 ta' Marzu, kif setghet l-attrici tghid li dakinhar it-testatur ma setax jiffirma meta l-ahhar darba li kienet ratu kien fil-bidu ta` Marzu u dakinhar tat-testment lanqas biss kienet prezenti? Anke Rev. Daniel Farrugia ma kienx prezenti dakinhar li sar t-testment u ghalhekk dak kollu li xehed huwa rrilevanti, ghaliex il-fatt li fl-ahhar gurnata ta' hajtu ma setax jikteb ma jfissirx li meta ghamel t-testment huwa ma setax jikteb. Mill-provi rrizulta li kemm l-attrici kif ukoll Rev Daniel Farrugia aktar kienu nteressati fil-gid li huhom kien se jhalli warajh milli f`sahhtu. Il-konvenuta Catania fin-nota taghha ticcita lill-gurista Zaraga ("La Responsabbilita Professionale del Notaio") meta jghid illi – *"La responsabilita del notaio per gli atti da esso posti in essere, attesa la sua veste di libero professionista e di pubblico ufficiale, si presta ad una duplice qualificazione : contrattuale ex mandato e legale ex pubblico ufficio."* In vista tal-fatt illi n-Nutar Hugh Grima ppubblika t-testment wara li vverifika li Gabriel Farrugia kien lucidu, wara li kkonferma l-identita` tieghu, wara li t-testatur fissirlu kif ried jiddisponi minn gidu, u ffirma fejn kellu jiffirma, it-talbiet attrici kellhom jigu michuda.

**"Ikkunsidrat :**

**"<u>IV. Risultanzi</u>**

"Il-**<u>Kap 55 tal-Ligijiet ta` Malta</u>** huwa l-Att dwar il-Professjoni Notarili u l-Arkivju Notarili. L-**<u>Art 28(1)(k)(v)</u>** tal-Att ighid illi –

> *""Jekk xi wieħed mill-komparenti jew xi wieħed mill-fidem facientes ma jkunux jafu jew ma jkunux jistgħu jiffirmaw, huma għandhom jiddikjaraw x'inhu li jkun iżommhom milli jiffirmaw, u n-nutar għandu jsemmi din id-dikjarazzjoni qabel ma l-att jiġi iffirmat;""*

"L-attrici qeghda tallega illi ghax dakinhar li ghamel it-testment, Gabriel Farrugia ma setax jiffirma t-testment, in-Nutar kien obbligat jaghmel dikjarazzjoni f'dak is-sens. U li ghax naqas li jaghmel dik id-dikjarazzjoni, it-testment huwa null u bla effett.

> ""Skond l-**<u>Art 40(1)(e)</u>** tal-Kap 55, *att notarili huwa null … jekk il-ħtiġijiet tal-artikoli 25(2), (3), (4) u (5), 27, 28(1)(k) u 34 ma jkunux ġew imħarsa""*

"Aktar `il quddiem l-**<u>Art 40(3)</u>** tal-Kap 55 ighid –

> *""Ma tista' tittieħed l-ebda azzjoni biex att illi għandu wieħed mid-difetti msemmija fis-subartikolu (1)(ċ), (d) u (e) jiġi ddikjarat null ħlief fuq talba ta' waħda mill-partijiet fl-att""*

**"Fil-kaz tal-lum, l-att li qeghda tipprova timpunja l-attrici huwa testment. Fil-kaz tal-lum it-testatur kien Gabriel Farrugia. L-attrici**

**ma kenitx parti u ghalhekk abbazi tal-Art 40(3) m`ghandha l-ebda dritt timpunja t-testment ta` Gabriel Farrugia a tenur tal-Art 28(1)(k)(v) tal-Kap 55.**

**"Fuq l-iskorta tal-premess, il-Qorti tista` tieqaf hawn u tichad it-talbiet attrici.**

**"<u>Unikament</u> sabiex tghid taghha dwar il-kumpless tal-provi li pprezentaw il-partijiet, il-Qorti tghid minghajr l-icken esitazzjoni illi bla hsara ghall-kwistjoni ta` dritt diga` trattata fil-paragrafi ta` qabel dan, ghal dawk li huma provi, l-attrici ma ressqitx il-prova sal-grad rikjest mil-ligi illi Gabriel Farrugia ma kienx kapaci li jiffirma dakinhar li sar t-testment.**

"Ghal dawk li huma l-provi li gabet l-attrici, il-Qorti tirrileva illi rrizulta bl-aktar mod car u inekwivoku li l-attrici ma kellhiex relazzjoni tajba mad-decujus u ma tatx wisq konsiderazzjoni ghall-*welfare* tieghu. Dan premess irrizulta li wara li Gabriel Farrugia dahal l-isptar, fejn dam hames gimghat qabel miet, hija marret tarah darbtejn biss : l-ewwel darba kien propju fil-bidu tar-rikoveru tieghu u t-tieni darba kien fil-gurnata tal-mewt tieghu. Fuq li xehdet l-attrici, il-Qorti ma tistax tistabilixxi li fit-23 ta` Marzu 2010, Gabriel Farrugia ma setax fisikament jiffirma ghal ragunijiet ta` sahha t-testment tieghu. L-attrici tistrieh hafna fuq li xehed huha Rev Daniel Farrugia. Fl-istess waqt irid jinghad illi Rev Farrugia kien fl-istess posizzjoni tal-attrici ; bhalha mar jara lil huh l-isptar darbtejn biss u bi probabilita` kbira marru flimkien mhux f`dati differenti, u ghalhekk lanqas hu ma jista` jghid jekk it-testatur setax jiffirma nkella le fit-23 ta` Marzu 2010.

"L-attrici taghmel enfasi fuq in-notament tal-*medical file* ta` Gabriel Farrugia fid-data tat-23 ta` Marzu 2010 li jghid : *"Pt feeling unwell today still in pain"* Abbazi ta` dan in-notament **wahdu** l-attrici qeghda tipprezumi li t-testatur ma setax jiffirma. Il-Qorti tirrileva li t-tabib li ghamel dak in-notament baqa` ma kienx prodott bhala xhud fil-kawza tal-lum biex ifisser ahjar dak illi kiteb. Irrizulta li Gabriel Farrugia kellu l-lewcemija. Minn esami tal-*medical file* tieghu wiehed isib li fil-granet ta` qabel u ta` wara t-23 ta` Marzu, l-istat ta` sahha tal-pazjent kien altanelanti fis-sens li daqqa jkun tajjeb u daqqa jkun migugh. Infatti fit-22 ta` Marzu in-nota fil-*file* tghid : *"Patient well"*. L-istess nota tirrizulta fil-25 ta` Marzu waqt li fis-26 ta` Marzu, in-nota tghid : *"Pt condition stable."*

**"Wiehed ma jistax ghalhekk jorbot kollox man-notament tat-23 ta` Marzu biex iqis il-firxa generali tal-kondizzjoni fisika tat-testatur, in partikolari l-effett tal-marda fuq l-idejn.**

**"Kull prova ohra li ngabet u li tixref fuq il-qaghda mentali tat-testatur u tal-imgieba tieghu hija rrilevanti fil-kuntest tal-ghamla ta` azzjoni li ttentat l-attrici.**

**“L-ahjar prova li tressqet dwar il-mertu ta` din il-kawza u li minghajr l-icken dubju tismonta ghal kollox u ggib fix-xejn it-tesi tal-attrici hija x-xiehda tan-Nutar Hugh Grima.**

“Minghajr l-ebda tlaqliq, kemm meta xehed quddiem l-Assistent Gudizzjarju u kif ukoll meta xehed quddiem il-Qorti, Dr Grima kien car u inekwivoku illi Gabriel Farrugia ffirma mhux darba izda sitt darbiet fuq it-testment, kif fil-fatt jirrizulta li ghamel anke minn ezami tal-istess testment (ara fol 43). Inoltre Dr Grima ghamel enfasi fuq il-fatt li t-testatur mhux biss kien lucidu izda *lucidissimu.* In kwantu ghal dak li xehed in-Nutar, il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza taghha (**PA/NC**) tal-5 ta` Ottubru 2004 fil-kawza “**Pawlu Farrugia et vs Carmelo Farrugia et**” fejn inghad hekk –

> *““Ghandhom ukoll rilevanza qawwija id-depozizzjonijiet ta’ nies professjonali, bhat-tabib kuranti tat-testatrici u n-Nutar illi kkonfezzjona t-testment dwar l-istat u l-komportament tat-testatrici fiz-zmien relevanti”.”*

“Kif ukoll dak li qalet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-20 ta` Gunju 1938 fil-kawza “**Giuseppe Formosa vs Giuseppe Axiak**” –

> *““sebbene non costituire l’asserto del notaro che il disponente era sano di mente, da se, la prova della capacita` mentale del testatore, tuttavia le constatazioni del notaro ottenuto all’oggetto di accertarsi della capacita` a` testare del disponente, forniscono un’importante elemento di prova che, unito ad altri, puo` condurre ad un’esatto giudizio sul problema da risolvere”.”*

**“Ix-xiehda tan-Nutar Grima ghandha importanza sostanzjali. Anke ghaliex ma kienet bl-ebda mod skalfita bi provi kuntrarji rilevanti, il-Qorti sejra taghti l-affidament kollu li jixraq lil xiehda daqstant kristallina.**

**“In konkluzjoni, il-Qorti tqis bhala infondati fil-fatt u fid-dritt ir-ragunijiet kollha li gabet l-attrici biex tipprova timpunja t-testment ta` Gabriel Farrugia tat-23 ta` Marzu 2010 fl-atti tan-Nutar Dottor Hugh Grima, u ghalhekk qeghda tiddikjara li dak it-testment huwa validu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.”**

Rat ir-rikors tal-appell tal-attrici Evelyn Farrugia li permezz tieghu talbet li din il-Qorti (i) tirrevoka *contrario imperio* d-digriet moghti fil-25 ta’ Lulju, 2013, mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili u tordna l-hatra tal-espert kaligrafu sabiex jirrelata dwar il-firma tat-testatur fuq it-testment u konsegwentement tirrinvija l-atti lura quddiem l-ewwel Qorti ghall-

prosegwiment tal-kawza u dan sabiex ma jintilifx il-beneficcju tad-*doppio esame;* u (ii) f'kaz li din il-Qorti tichad l-ewwel talba, tirrevoka s-sentenza moghtija fid-29 ta' April, 2014, mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet premessi u konsegwentement tilqa' t-talbiet attrici, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellati jew min minnhom.

Rat ir-risposta tal-appell ta' Doris Catania et li permezz taghha wiegbu li din il-Qorti ghandha tichad kemm l-appell dwar id-digriet moghti fejn l-appellanti talbet ir-revoka *contrario imperio* tad-digriet tal-ewwel Qorti tal-25 ta' Lulju, 2013, kif ukoll it-talba ghar-revoka tas-sentenza tad-29 ta' April, 2014, u dan mhux biss bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attrici appellanti, izda *ai termini* tal-Artikolu 223(4) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, bl-imposizzjoni tad-*doppie spese.*

Rat ir-risposta tal-appell ta' Anthony Caruana u Clayton Zammit bhala President u Segretarju rispettivament tas-Socjeta` Filarmonika msejha "La Stella" tal-Gudja AD1919, li permezz taghha wiegbu li din il-Qorti ghandha tichad kemm l-appell dwar id-digriet moghti fejn l-appellanti talbet ir-revoka *contrario imperio* tad-digriet tal-ewwel Qorti tal-25 ta' Lulju, 2013, kif ukoll it-talba ghar-revoka tas-sentenza appellata tad-29 ta' April, 2014. Dan billi tikkonferma kemm id-digriet, kif ukoll is-sentenza appellata u dana mhux biss bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attrici

appellanti, izda *ai termini* tal-Artikolu 223(4) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, bl-imposizzjoni tad-*doppie spese.*

Semghet lid-difensuri tal-partijiet jitrattaw l-appell in ezami waqt is-seduta tal-11 ta' Gunju, 2019, meta l-kawza baqghet differita ghas-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti in atti;

Ikkonsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawza, l-attrici li tigi oht id-*decuius* Gabriel Farrugia, qieghda tippretendi li t-testment maghmul mill-istess Gabriel Farrugia disat ijiem qabel ma miet, jigi dikjarat bhala null u bla effett. Dana peress li hija tikkontendi li t-testment sar meta l-imsemmi Gabriel Farrugia ma kienx kapaci li jikteb minhabba l-kondizzjoni medika tieghu u li skont l-Artikolu 28(1)(k)(v) tal-Kap.55 tal-Ligijiet ta' Malta, kellha ssir dikjarazzjoni fis-sens li, ladarba ma setax jiffirma, ir-raguni li kienet qieghda zzommu milli jiffirma u li n-nutar ghandu jsemmi din id-dikjarazzjoni qabel ma l-att jigi ffirmat. Kwindi, hija talbet (i) dikjarazzjoni fis-sens li Gabriel Farrugia ma kienx kapaci jikteb meta ghamel it-testment tieghu tat-23 ta' Marzu, 2010, fl-atti tan-Nutar Hugh Grima; (ii) dikjarazzjoni li ma gewx segwiti l-formalitajiet rikjesti mil-ligi ghal testmenti fejn it-testatur ma jkunx kapaci li jikteb, fosthom dak imsemmi fl-Artikolu 28(1)(k)(v) tal-Kap.55 tal-Ligijiet

ta' Malta u (iii) konsegwentement dikjarazzjoni li t-testment ta' Gabriel Farrugia tat-23 ta' Marzu, 2010, fl-atti tan-Nutar Hugh Grima huwa null u bla effett. Bl-ispejjez kontra l-konvenuti ngunti in subizzjoni.

Il-konvenuti Toninu Caruana u Charles Schembri bhala President u Segretarju rispettivament tas-Socjeta` Filarmonika msejha "La Stella" tal-Gudja wiegbu li, l-istanza odjerna hija infondata fil-fatt u fid-dritt, peress li t-testatur kien kapaci jiffirma kif jirrizulta b'mod lampanti mill-firma preciza tat-testatur fit-testment.

Filwaqt li l-konvenuta Doris Catania wiegbet li t-testatur Gabriel Farrugia kien kapaci jaghmel it-testment kif dikjarat mill-professur Godfrey Laferla, fl-istess gurnata li gie ppubblikat it-testment u li t-testment in kwistjoni gie ffirmat quddiem nutar u fil-prezenza ta' zewg xhieda. Kwindi t-testment sar kif suppost u skont il-ligi u ghalhekk it-talbiet attrici huma fiergha, vessatorji kif ukoll inveritieri.

Wara li ezaminat il-provi in atti, l-ewwel Qorti, filwaqt li permezz tad-digriet taghha tal-25 ta' Lulju, 2013, cahdet it-talba attrici ghall-hatra ta' espert kaligrafu, permezz tas-sentenza taghha tad-29 ta' April, 2014, waslet ghall-konkluzjoni li t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt peress li r-ragunijiet kollha li gabet l-attrici sabiex tipprova timpunja t-testment ta' Gabriel Farrugia tat-23 ta' Marzu, 2010, fl-atti tan-Nutar Dottor Hugh

Grima ma jregux u ghalhekk iddikjarat li dak it-testment huwa validu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

L-attrici hassitha aggravata bl-imsemmija digriet u sentenza u ressqet l-appell in ezami li bazikament fih terga' tressaq l-istess argumenti migjuba quddiem l-ewwel Qorti.  Fil-verita` fir-rigward tad-digriet tal-25 ta' Lulju, 2013, tal-ewwel Qorti li bih cahdet it-talba attrici li jinhatar espert tal-kaligrafija, peress li ma ratx il-htiega ghall-hatra ta' tali espert, l-attrici tghid li hassitha aggravata bl-imsemmi digriet, semplicement peress li sa mill-bidu hija kellha dubju dwar il-firma fuq it-testment, stante li jinghad li t-testatur ma kienx kapaci jiffirma minhabba l-kondizzjoni tieghu ta' sahha.  Jinghad mill-appellanti li l-ewwel Qorti warrbet fattur importanti f'din il-kawza, konsistenti fil-fatt li mill-file mediku tal-isptar irrizultaw xi notamenti, fosthom li dakinhar li sar it-testment jinghad li t-testatur "*feeling unwell today still in pain*".

Kwindi l-appellanti ssostni li tidhol l-importanza tal-hatra tal-espert kaligrafu sabiex jispjega kienx hemm diskrepanza bejn il-firma tat-testatur fuq it-testment ghall-firma li solitament kien juza u ghalhekk tishaq li l-ewwel Qorti zbaljat fid-decizjoni taghha li tirrifjuta li jigi nominat espert kaligrafu li seta' jitfa' dawl fuq il-firma tat-testatur, peress li tikkontendi li din hija l-fulkrum principali tal-kawza.  Jinghad li ghalkemm l-ewwel Qorti strahet fuq ix-xhieda tan-Nutar Grima, l-istess nutar ma kienx jaf lit-

testatur qabel dakinhar tat-testment u dan meta tabib professjonist kien qieghed jiccertifika fil-file mediku tal-pazjent li dan kien *unwell.* Kwindi dawn il-provi kontrastanti kienu jimmeritaw li tintlaqa' t-talba taghha ghall-hatra ta' espert kaligrafu.

Jibda billi jigi osservat li l-ewwel Qorti ttrattat ir-rikors tal-attrici tat-30 ta' Mejju, 2012, ghall-hatra ta' espert tal-kaligrafija, wara li qieset bir-reqqa l-atti tal-kawza, b'mod partikolari t-traskrizzjoni tax-xhieda tan-Nutar Dottor Hugh Grima quddiem l-Assistent Gudizzjarju, kif ukoll id-deposizzjoni tal-istess nutar quddiem il-Qorti fl-udjenza tal-11 ta' Lulju, 2013, qabel ma ddikjarat li ma tarax il-htiega tal-hatra ta' espert kaligrafu. Li kieku dik il-Qorti deherilha li kien hemm ragunijiet serji li jalimentaw f'mohh dik il-Qorti xi dubju dwar il-firma fuq it-testment in ezami, hija kellha l-fakolta` li tahtar espert tal-kaligrafija, izda f'dan il-kaz dan ma kienx mehtieg.

Filwaqt li din il-Qorti ma tara xejn hazin fid-decizjoni tal-ewwel Qorti, izzid tghid illi l-kawzi m'ghandhomx jigu bbazati fuq dubji u kongetturi izda fuq provi konkreti. Meta l-attrici appellanti tinvoka d-dubju taghha li t-testatur ma setax jiffirma t-testment fuq il-premessa li kien hemm notament fil-file mediku tat-testatur li huwa ma kienx qed ihossu tajjeb u kien mugugh fl-istess gurnata li sar it-testment, din qajla tista' titqies bhala prova cara tal-inkapacita` tat-testatur li jiffirma testment. Wara kollox kif osservat mill-ewwel Qorti fis-sentenza taghha tad-29 ta' April, 2014, l-attrici la ressqet

it-tabib li ghamel tali notament sabiex ifisser ahjar dak li kiteb, kif ukoll lanqas ma ressqet ebda prova li teghleb l-ahjar prova mressqa fil-kawza, konsistenti fix-xhieda cara tan-Nutar Grima.

Lanqas jista' jinghad li gew imressqa provi kontrastanti dwar il-qaghda tat-testatur, kif tittanta tghid l-attrici appellanti, peress li x-xhieda tan-nutar tista' titqies bhala l-ahjar prova fir-rigward tal-qaghda tat-testatur, izda certament in-notament fil-file mediku ma tikkomparax u kif appena osservat ma jistax jinghad li hija l-ahjar prova, ahseb u ara kemm tista' tintefa fl-istess keffa tax-xhieda tan-nutar. Dan il-professjonist xehed b'mod car u inekwivoku, liema xhieda ggib fix-xejn id-dubji mqanqla mill-attrici, li tajjeb jinghad ukoll li kienet ilha ma tara lit-testatur ghal numru ta' gimghat qabel il-gurnata li miet, kwindi lanqas huwa l-kaz li hija setghet tikkonstata personalment il-qaghda fizika ta' Gabriel Farrugia fil-gurnata li sar it-testment.

Konsidrat dan kollu, din il-Qorti ma tara ebda raguni valida l-ghala hija ghandha tilqa' l-aggravju tal-attrici fil-konfront tad-digriet tal-ewwel Qorti tal-25 ta' Lulju, 2013, li ghalhekk ser jigi michud.

Trattat dan il-punt imiss li jigi trattat l-appell dwar is-sentenza tal-ewwel Qorti tad-29 ta' April, 2014. L-attrici appellanti taghmel referenza ghall-fatti saljenti tal-kaz u tislet xi siltiet mix-xhieda taghha, ta' huha Fr. Daniel

Farrugia u n-neputi taghha Gordon Farrugia, sabiex tishaq il-qaghda fizika hazina tad-*decuius* qabel sar it-testment fit-23 ta' Marzu, 2010. Kwindi ssostni li t-testment ma setax jigi ezegwit bil-formalitajiet mehtiega mil-ligi fosthom l-Artikolu 28(1)(k)(v) tal-Kap. 55 tal-Ligijiet ta' Malta. Taghmel referenza ghan-notament li sar fil-file mediku pprezentat in atti, li minnu rrizuta li filwaqt li fl-10 ta' filghodu gie nnutat li l-pazjent kien "*feeling unwell today still in pain*", it-testment sar ftit hin wara fil-11.15 ta' filghodu. Din fil-fehma tal-appellanti, hija l-prova li turi li d-*decuius* ma kienx f'qaghda fizika tajba sabiex jaghmel u jiffirma testment.

L-attrici appellanti tirrileva punti ohra li fil-fehma taghha jindikaw l-istat mentali u fiziku li kien fih id-*decuius*, fosthom: - li n-Nutar Hugh Grima ma kienx nutar imqabbad mit-testatur; - il-fatt li diversi xhieda spjegaw li Gabriel Farrugia ma kienx isemmi x'ser jaghmel b'gidu ghajr li kien jghid li ried ipatti lil Gordon Farrugia u lil Frans Dalli talli ghamlu mieghu; - il-fatt li fir-raba' Artikolu tat-testment hemm indikat il-kugin tat-testatur bhala Nazzareno sive Zaren Dalli, meta t-testatur u kulhadd kienu jafuh bhala Rosario, filwaqt li fit-tieni Artikolu, fil-verzjoni dattilografata tnizzel l-isem Godwin minflok Gordon Farrugia; - il-fatt li minkejja li skont ic-certifikat mediku anness mat-testment hemm indikat li t-testatur huwa "*fit of mind*" jibqa' l-fatt li ftit hin qabel it-testment tnizzel in-notament *"Pt feeling unwell today still in pain",* kwindi kien fizikament impossibbli li t-testatur kien f'qaghda li jiffirma t-testment, dan meta x-xhieda spjegaw li d-*decuius*

kien fizikament debboli specjalment f'idejh u ghalhekk ma kienx f'pozizzjoni li jiccaqlaq; - skont ix-xhieda ta' Fr. Daniel Farrugia, id-*decuius* ma kienx jafda lil Doris Catania.

Kwindi l-attrici ssostni li d-*decuius* gie mgieghel li jaghmel dan it-testment minn Doris Catania li ghamlet il-pressjoni fuqu meta kien fizikament u mentalment debboli li ma setax jirrezisti. Kwindi ladarba t-testatur ma kienx kapaci jikteb, wisq inqas seta' jiffirma u ghalhekk it-testment ma setax jitqies bhala wiehed validu peress li kellu jkollu mnizzel il-partikolaritajiet rikjesti mil-ligi, inkluz dawk mahsuba fl-Artikolu 28(1)(k)(v) tal-Kap. 55 tal-Ligijiet ta' Malta. L-attrici appellanti tikkontendi li l-fatt li t-testment in kontestazzjoni huwa l-uniku testment li sar mit-testatur Gabriel Farrugia, kellu jkompli jsahhah it-tezi taghha rigwardanti l-volonta` tat-testatur li jaghmel it-testment ftit granet qabel mewtu. B'hekk l-attrici tinsisti li hija kellha kull dritt li timpunja t-testment, minkejja li kif deciz mill-ewwel Qorti, hija m'ghandhiex id-dritt li timpunja t-testment taht l-Artikolu 28(1)(k)(v) tal-Kap. 55 tal-Ligijiet ta' Malta, ladarba mhix wahda mill-partijiet fit-testment.

Jibda billi jigi osservat li x-xhieda li ticcita l-attrici appellanti hija pjuttost selettiva u titratta persuni li kollha ghandhom interess dirett fl-ezitu ta' din il-kawza, mhux l-istess jista' jinghad fil-kaz tan-nutar li certament jista' jitqies bhala xhud indipendenti u imparzjali. Inoltre a skans ta'

repetizzjoni, issir referenza ghall-osservazzjonijet maghmula qabel, dwar il-prova kardinali maghmula permezz tax-xhieda tan-nutar u l-prova ta' dak li jinghad fil-file mediku tad-*decuius* li fil-gurnata li sar it-testment jinghad li kien ihossu ma jiflahx u mugugh. Din ma tista' qatt tittiehed bhala prova konklussiva li t-testatur kien fl-impossibilita` fizika li jiffirma t-testment, kif allegat mill-attrici.

Jinghad ukoll li l-Artikolu 28(1)(k)(v) tal-Att dwar il-Professjoni Notarili u l-Arkivju Notarili (Kap. 55 tal-Ligijiet ta' Malta) invokat mill-attrici jipprovdi li:

> ***"28. (1)*** *Kull att notarili ghandu jkun fih:*
>
> *"(k)… (v)jekk xi wieħed mill-komparenti jew xi wieħed mill-fidem facientes ma jkunux jafu jew ma jkunux jistgħu jiffirmaw, huma għandhom jiddikjaraw x'inhu li jkun iżommhom milli jiffirmaw, u n-nutar għandu jsemmi din id-dikjarazzjoni qabel ma l-att jiġi iffirmat;"*

Izda kif gustament osservat mill-ewwel Qorti dan il-provvediment tal-ligi jrid jigi ezaminat fil-kuntest ta' provvedimenti ohra fl-istess ligi, senjatament l-Artikolu 40(1)(e) tal-Kap.55 li jipprovdi li l-att nutarili jkun null jekk il-htigijiet ta' diversi artikoli, fosthom l-Artikolu 28(1)(k) ma jkunux gew imharsa. Madankollu l-Artikolu 40(3) jipprovdi wkoll li ma tista' tittiehed ebda azzjoni biex att li ghandu wiehed mid-difetti msemmija *inter alia* fis-subartikolu (1)(e) jigi dikjarat null, hlief fuq talba ta' wahda mill-partijiet.

Din il-Qorti zzid li huwa relevanti wkoll l-Artikolu 25 tal-Kap. 55 li jipprovdi l-formalitajiet mehtiega *ad validatem* tal-atti notarili. Ghandu jinghad li l-imsemmi artikolu jaghti definizzjoni ta' "parti", li f'kaz ta' testment jinghad li huwa t-testatur. Certament kif inghad mill-ewwel Qorti, l-attrici ma kenitx parti fit-testment u ghalhekk hija ma tistax timpunjah. Is-subartikolu (3) tal-Artikolu 25 jesigi l-prezenza ta' zewg xhieda, *inter alia* fil-kaz ta' testmenti pubblici, liema fattur ma jirrizultax li huwa kontestat fil-kawza odjerna.

Fi kwalunkwe kaz, huwa pacifiku li l-oneru tal-prova huwa fuq min jallega n-nuqqas ta' osservanza tal-formalitajiet rikjesti mil-ligi, f'dan il-kaz l-attrici appellanti. Issa x-xhieda tan-nutar li rrediega t-testment hadet importanza kbira, ladarba t-testatur jinsab defunt u certament huwa ma jistax jixhed dwar l-awtenticita` tal-firma li tinsab fuq it-testment. Kwindi jehtieg li jkunu l-atti notarili li jirriflettu bis-shih il-fiducja pubblika u kif osservat minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tad-9 ta' Ottubru, 2009, fil-kawza fl-ismijiet **Carmel Galea et v. Nutar Pubbliku Dott. Pierre Falzon:**

> "**Il-funzjoni tan-Nutar Pubbliku Malti hija doppja: dik ta' ufficjal pubbliku, fejn in-nutar ghandu l-funzjoni illi jaghti fidi pubblika lil atti jew dokumenti li jirredigi u li jircievi, u dik ta' professjonist liberu u indipendenti, li ghandu responsabbilita` lejn il-partijiet li jkunu talbu s-servizz tieghu u jkun allura partecipi fl-att notarili minnu redatt.** Dawn iz-zewg funzjonijiet jipprotegu zewg interessi separati izda li huma intrinsici fil-professjoni ta' nutar pubbliku; in-nutar **ghandu r-responsabbilita` li jissalvagwardja l-interess pubbliku kif ukoll l-interess privat. In-nutar pubbliku jissalvagwardja l-interess pubbliku billi jirredigi bil-formulatajiet kollha skond il-ligi, atti fost**

> **il-hajjin u testmenti, jaghtihom fidi pubblika**, jippreservahom u jaghti kopji u estratti ta' dawn l-atti u testmenti (art. 2(1) tal-Kap. 55 – Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili). **In-nutar huwa wkoll obbligat li jissalvagwardja l-interessi tal-partijiet illi jkunu nqdew bis-servizz tieghu billi, *inter alia*, jassigura ruhu li jistabilixxi l-volonta` tal-partijiet u wara li jkun irrediga l-att, jaqrahulhom u jfissirulhom, isaqsihom jekk dan hux skond il-volonta` taghhom (art. 25(4) Kap. 55**). Din id-doppja funzjoni tirrizulta wkoll mill-Legge Notarile Taljana tal-1913, li fuqha Kapitolu 55 tal-Ligijiet ta' Malta huwa msejjes. Il-funzjoni pubblika u l-funzjoni ta' *libero professionista* tan-nutar pubbliku ma tistax tigi separata u tali dottrina hija ormai accettata minn diversi guristi prominenti Taljani fosthom Vincenzo Baratta li jghid:
>
> > *""Se si considera l'attivita` professionale di consulente di diritto separata da quella insita nella pubblica funzione, non si ha attivita` di notaio, cosi` come non e` notarile l'esercizio della pubblica funzione se non e` diretta a formare il negozio regolatore di legittimi interessi patrimoniali delle parti" (Baratta Vincenzo, Riv. Notar., 1955, p. 101, in "Novissimo Digesto Italiano" p. 359)"*

(enfasi mizjuda minn din il-Qorti)

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, wara li din il-Qorti rat ix-xhieda in atti tan-nutar, hija tinsab sodisfatta li n-nutar li rrediega t-testment in kwistjoni, qeda l-funzjoni tieghu sew, kemm bhala ufficjal pubbliku, kif ukoll bhala professjonist liberu u indipendenti.

Trattat dan il-punt fundamentali, fic-cirkostanzi, din il-Qorti ma tarax il-htiega li tezamina l-punti l-ohra li jissemmew fir-rikors tal-appell billi dawn huma ta' natura superficjali ghall-ahhar u bl-ebda mod ma jistghu qatt iwasslu ghall-akkoljiment tal-appell interpost mill-attrici appellanti.

Ghaldaqstant ghal dawn ir-ragunijiet kollha, l-appell tal-attrici Evelyn Farrugia qieghed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata fit-

totalita` taghha, bl-ispejjez kontra l-istess appellanti. Billi jidher car li dan l-appell huwa wiehed fieragh u vessatorju, wara li rat l-Artikolu 223(4) tal-Kap.12, tikkundanna lill-attrici appellanti thallas lill-konvenuti appellati l-ispejjez ghal darbtejn.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
rm